

Is-Sur Joseph Bartolo

# Ħidmietna



Ħbieb,

Kif itir iż-żmien. Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Kif għaddiet din is-sena u kważi mank tinduna tant li d-dinja tant hi mgħaġġla li ma tagħtikx ċans tara ż-żmien għaddej. Iktar u iktar meta tkun f'xi għaqda bħal tagħna b'impenn kważi kuljum kważi s-sena kollha.

Mhux se nsemmi l-attivitajiet kollha li għamilna jew li konna mdaħħlin fihom aħna. Dawn tistgħu tarawhom fi djarju iktar 'il quddiem f'dan il-ktieb tal-festa. Biss se nsemmi xi parti minnhom.

Kien nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2006, meta l-Kor Imperial ħa sehem billi kanta fil-quddiesa li tqaddset mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex fil-Monasteru tas-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura fil-Belt. Dan sar fuq inizzjativa ta' Sour Antonietta Borg mill-Mellieħa u kien fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katerina fl-istess Kunvent.

Is-sena li għaddiet, minflok fil-ġranet tal-Milied bħas-soltu, il-Banda Imperial daqqet fil-Kumpless tad-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi nhar il-Ħadd, 3 ta'Diċembru 2006 fl-okkażjoni tal-festa ta' San Nikola. Dan sar fuq it-talba tad-Direzzjoni ta' l-istess Kumpless.

Fil-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, il-Banda u l-Kor Imperial kienu impenjati bis-sħiħ iżjed mis-soltu, billi żorna u ferraħna 'l ħafna nies f' lukandi u postijiet oħra tad-divertiment madwar il-Mellieħa. Spiċċajna s-sena u bdejna oħra bil-kbir, billi bħas-snin l-imgħoddija ġie organizzat *Dinner Dance* fil-Każin, li kien ta' suċċess.

L-ewwel attività tas-Sena l-Ġdida, saret meta Delegazzjoni mill-Kumitat u l-Membri kollha tal-Kumitat tan-Nisa, bħas-soltu żaru l-anzjani Melleħin fil-Kumpless ta' San Vincenz de Paule f'Ħal Luqa. In-nisa anki qassmu ħelu u frott lil dawn l-anzjani.

Bħas-snin l-oħra, anki din is-sena, il-Banda ħadet sehem f'Jum il-Kunsill ta' l-Imġarr billi daqqet programm fis-Sala ta' l-Iskola Primarja ta' l-istess lokalità.

Wasal imbagħad Jum il-Kunsill tal-Mellieħa, fejn din is-sena, l-Għaqda Mużikali Imperial, ġiet onorata mill-Kunsill Lokali bl-unur ġieħ il-Mellieħa. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sindku s-Sur John Buttigieg u l-Kunsilliera kollha ta' dan l-unur li għamlulna.

F'Ħadd il-Palm, il-Banda u l-Kor Imperial kienu impenjati bil-kbir fil-Programm li jsir fis-Sala ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Dan il-Programm, ta' kull sena jkun segwit mill-ħafna mistednin u ammiraturi oħra. Nixtieq hawnhekk ngħid grazzi bil-kbir lis-Surmast Anthony Borg, l-Assistent Surmast, Kummissjoni Banda, Bandisti, Membri tal-kor u s-Sinjura Helleur, Direttriċi tal-Kor ta' l-impenn kbir tagħhom lejn il-Banda. Grazzi wkoll lis-Sur Eddie Camilleri li ta' kull sena jipprepara riflessjonijiet ta' dan il-Programm u lil dawk kollha li jaqraw. Grazzi wkoll lill-familjari ta' dawk kollha li semmejt tal-paċenzja li jieħdu bina u l-għajnuna li jagħtu lejn l-Għaqda tagħna.

Fuq stedina tal-Badessa Sor Mikelina Mifsud tal-Monasteru tas-Sorijiet Agostinjani l-Kor Imperial reġa' kanta fil-quddiesa li din id-darba tqaddset mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawlu Cremona, Arċisqof ta'Malta. Din saret fil-50 Anniversarju ta' Sour Marija Assunta bħala soru tal-Klawsura.

Nixtieq ukoll f'dan il-messaġġ tiegħi f'ismi u f'isem sħabi kollha, inwassal l-isbaħ xewqat u iktar suċċessi lill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria f'għeluq il-100 sena tagħhom.

Grazzi lil sħabi kollha fil-Kumitat Direttiv, lill-Kumitat tan-Nisa, lill-Membri u lill-Benefattturi tal-ħidma kbira li lkoll flimkien wettaqna, matul din is-sena u nistedkom biex inkomplu naħdmu għall-għażiża Għaqda tagħna.

Nixtieq ukoll vaganza u festa mill-isbaħ lill-Emigranti li jkunu hawn fostna f'dan iż-żmien tal-Festa.

Huwa dover tagħna wkoll li f'dawn il-ġranet sbieħ, meta qed niċċelebraw il-Festa ta' Ommna Marija, patruna tar-raħal tagħna, niftakru f'dawk ħutna Anzjani u Morda u anki f'min jieħu ħsiebhom.

Nitolbu wkoll lill-Ħanin Alla, biex jagħti l-mistrieħ ta' dejjem lil ħafna minn sħabna u familjari tagħna li tant ħadmu qabilna għall-Għaqda tagħna.

Grazzi ħafna lil dawk li jiktbulna artikli għal dan il-ktieb, oħrajn li jgħinu fix-xogħol ta' preparazzjoni għalih, u anke lil dawk li jagħtuna r-riklami tagħhom. Grazzi ħafna lill-Melleħin ta' l-għajnuna li jagħtuna mas-sena kollha.

**Viva Marija Bambina**

**Il-festa t-tajba lil kulħadd**